II

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tat-18 ta' Diċembru 2007**

**dwar l-issoktar fis-sena 2008 ta' provi u testijiet komparattivi tal-Komunità fuq materjal ta' propagazzjoni u ta' tħawwil tal-*Malus* Mill. skond id-Direttiva tal-Kunsill 92/34/KEE mibdija fl-2004**

(2007/872/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/34/KEE tat-28 ta' April 1992 dwar il-marketing tal-materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti tal-frott u tal-pjanti tal-frott maħsuba għall-produzzjoni tal-frott ([1]),

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/894/KE tal-11 ta' Diċembru 2003 li tistabbilixxi l-arranġamenti għall-provi u t-testijiet komparattivi tal-Komunità fuq il-materjal ta' propagazzjoni u ta' tħawwil tal-*Prunus persica* (L.) Batsch, *Malus* Mill. u *Rubus idaeus* L. skond id-Direttiva tal-Kunsill 92/34/KEE ([2]), u b'mod partikulari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi,

(1) Id-Deċiżjoni 2003/894/KE tistabbilixxi l-arranġamenti għall-provi u t-testijiet komparattivi li għandhom jitwettqu skond id-Direttiva 92/34/KEE fir-rigward tal-*Malus* Mill. mill-2004 sa l-2008.

(2) It-testijiet u l-provi mwettqa fl-2004 sa l-2007 għandhom jissoktaw fl-2008,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu*

Il-provi u t-testijiet komparattivi Komunitarji mibdija fl-2004 fuq materjal ta' propagazzjoni u taħwil tal-*Malus* Mill. għandhom jissoktaw fl-2008 skond id-Deċiżjoni 2003/894/KE.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Diċembru 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 157, 10.6.1992, p. 10. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/776/KE (ĠU L 312, 30.11.2007, p. 48)

([2]) ĠU L 333, 20.12.2003, p. 88.